# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 16 ta' Mejju 2023**

**Appell numru 144/20**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Melvin DEBONO**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-12 ta' Awissu 2020 fil-konfront ta' Melvin DEBONO (karta tal-identita' bin-numru 304591M) fejn ġie mixli talli:

> F'dawn il-Gżejjer fl-20 ta' Frar 2016 u fix-xhur ta' qabel din id-data (a) kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement

emendati bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

(b) U aktar talli f'dawn il-Gżejjer fl-20 ta' Frar 2016 u fis-sena ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-Avviż Legali 292 tas-sena 1939, sabet lill-imputat appellant ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għal sena priġunerija u multa ta' elf ewro (€1,000). In oltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imputat sabiex iħallas lir-Reġistratur id-somma ta' elf sebgħa u tletin euro disa' ċenteżmi (€1037.09) rappreżentanti l-ispejjeż inkorsi mal-ħatra tal-esperti. In konklużjoni, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) filwaqt li ordnat il-konfiska tal-mobile phones esebiti bħala Dok. MB3 u tas-somma ta' erba' mija u għaxar euro (€410) esebita bħala Dok MB4, ordnat ukoll id-distruzzjoni tad-droga esebita bħala Dok. MB2 u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur tal-Qorti li għandu jirrediġi l-proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument ordnat li jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax -il jum minn tali distruzzjoni.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi DEBONO appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tilqa' dan l-appell u dan billi tħassar u tirrevoka s-

sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati taż-żewġ imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u minflok tiddikjarah mhux ħati tagħhom u konsegwentement tilliberah minhom u fin-nuqqas ta' dan tirriforma s-sentenza appellat fil-parti tal-piena nflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ u dan wara li stqarr is-segwenti **(in suċċint)**:

(i) L-istqarrija rrilaxxjata mill-appellant nhar il-21 ta' Frar tas-sena 2016: dak iż-żmien li ġiet irrilaxxjata din l-istqarrija l-liġi tagħna ma kinitx tipprovdi għad-dritt għall-assistenza legali matul l-interrogazzjoni u dan għaliex dan id-dritt ġie ntrodott fix-xhur ta' wara permezz tal-Artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan permezz tal-Att LI tas-sena 2016. Illi jiġi rilevat li l-ewwel Qorti straħet ampjament fuq l-istqarrija mogħtija mill-appellant u dan nonostante l-fatt illi dak iż-żmien ma ngħatax l-opportunita' li jkollu l-avukat preżenti waqt l-interrogazzjoni. Illi għalhekk fl-umli fehma tal-appellant, din l-istess stqarrija hija leżiva għad-drittijiet fundamentali kif sanċiti fl-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan kif ġie rilevat korrettament mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Fattur ċar ieħor li juri kemm il-Qorti ma kellha qatt tistrieħ fuq l-istqarrija rrilaxxjata minn l-appellant jirrigwardja l-mistoqsijiet li sarhulu u r-risposti li hu ta fil-konfront ta' xi mobile pjones li kienu ġew elevati waqt l-investigazzjoni. Minkejja illi minn qari akkurat tal-atti proċesswali senjatament dak li xehdu l-uffiċjali tal-pulizija stess jirriżulta illi tlett mobile phones kienu ġew elevati mir-residenza fejn kien jgħix l-appellant, pero' mill-kamra tas-sodda ta' Davison Micallef liema persuna assuma b'mod totali r-responsabilita' tagħhom, meta l-appellant ġie mistoqsi dwarhom huwa kkonferma li dawn ġew elevati mingħandu. Dan juri ċar illi ma kien safe xejn illi l-Qorti tistrieħ ukoll fuq l-istqarrija tiegħu sabiex issib ħtija, u dan peress illi r-risposti li huwa ta, jmorru totalment kuntrarju għall-fatti li rriżultaw lill-Pulizija stess.

(ii) Illi t-tieni aggravju huwa fis-sens illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti quddiemha stante li ma setgħet qatt ikollha livell ta' prova sal-konvinċiment morali tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant u dan għaliex il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni kienu jaqgħu 'l bogħod mill-grad rikjest mil-Liġi. Illi jiġi umilment sottomess li l-Prosekuzzjoni naqset milli ġġib provi inekwivoċi u konklussivi illi l-pussess ma kienx għall-użu esklussiv u dan anke meta wieħed iqis li l-ammont ta' droga jindika li d-droga misjuba kienet għall-użu personali tal-appelant u mhux biex ikun hemm spaċċ. Illi għaldaqstant sabiex jiġi sodisfaċentement ippruvat ir-reat in diżamina l-Qorti trid wara li tagħmel apprezzament approfondit tal-provi, tasal għall-konvinċiment morali illi miċ-ċirkostanzi tista' safely and satisfactory tiġbed inferenza u tikkonkludi illi kien hemm l-intenzjoni pożittiva diretta u speċifika tal-ispaċċ. Mhux kull ċirkostanza illi tista' twassal xi suspett hija suffiċjenti. B'mod ġenerali il-liġi ma tissanzjonax l-intenzjonijiet u huwa eċċezzjonalment illi l-liġi tikkunsidra r-reat ikkunsmat (u mhux biss tentattiv) meta l-intenzjoni kriminuża tkun għada ma ġietx attwata u għaldaqstant fl-umli fehma tal-appellant wieħed għandu jeżerċita ċirkospezzjoni aktar f'każijiet simili, u sabiex ma jinħolqux inġustizzji l-

intenzjoni tal-ispaċċ għandha tirriżulta b'mod konkret u inekwivoku u mhux sempliċement frott ta' konġetturi  suppożizzjonijiet, liema intenzjoni QATT ma rriżultat fil-każ odjern tal-appellanti.

Illi bid-dovut rispett jiġi sottomess illi l-ammont ta' droga misjub ma kienx wieħed sostanzjali u tali ammont ma jistax jiġi kkunsidrat bħala wieħed li jaqa' barra l-parametri ta' użu personali u esklussiv. Nonostante ċio kif ritenut diversi drabi mill-Qrati Maltin għalkemm ammont ta' droga misjuba fuq il-persuna ta' bniedem jista' jindika intenzjoni ta' spaċċ, l-ammont ta' droga waħdu per se mhuwhiex spaċ u għaldaqstant sabiex jirrafigura l-element intenzjonali ta' spaċċ jinħtieġu ċirkostanzi li lkoll flimkien jindikaw lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni illi dak l-ammont ta' doga ma kienx intiż għall-użu esklussiv tiegħu. Illi bid-dovut rispett jiġi sottomess illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kkonsidratx dak li ddeponew ix-xhieda fid-dawl tal-provi in toto. Konsegwentement dak li xehdu ma kellux jingħata daqstant piż stante li fl-umli fehma tal-esponenti l-Qorti tat piż biss lejn ċertu dettalji filwaqt li injorat dettalji oħra iktar u iktar ċertu dettalji baqgħu ma ġewx korroborati u dan kif ser jiġi muri sottopost.

Illi fir-rigward il-piż li kellhom il-pakketti fil-każ odjern meta twaqqaf mill-Pulizija waqt spot check l-Ispettur ddepona li 'is-sustanza li sibna fil-pussess tas-Sur Melvin Debono presso o poco konna wiżejnihom u kienet bejn wieħed u ieħor xi 2.8grams.' Illi fil-fehma tal-appellant dan l-ammont ma jistax jitqies bħala wieħed li jindika li dak li nstab ma kienx intiż għall-użu esklussiv tiegħu u dan anke meta wieħed iqis li bħala medja persuna li tieħu d-droga tuża madwar gramma għal żewġ grammi kuljum. Fil-fatt l-artikolu 3(3) tal-UN Convention Against Illicit Traffic In Narcotic Drugs jistabbilixxi ai fini tal-pussess aggravat tad-droga illi :- 'Knowledge, intent or purpose required as an element of an offence set forth in paragraph 1 of this article may be inferred from objective factual circumstances'.

Illi jiġi rilevat illi l-Prosekuzzjoni lanqas biss tellgħet xhud okulari wieħed li hu wieħed (għajr il-Pulizija) li seta' b'xi mod jew ieħor jitfa' dawl fuq dawn l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant u dan meta kieku dak lill-Prosekuzzjoni qed tallega kien minnu setgħet faċilment ttella tali xhieda. Lanqas Davison Micallef li ġie mitkellem mill-Pulizija jew it-tfajla tal-appellant ta' dak iż-żmien li meta twaqqaf kien bilqeda ħdejja ma ttellgħu jixhdu. Saħansitra fid-depożizzjoni tiegħu l-Ispettur stess xehed li kien hemm bosta informazzjoni kemm anonima u kemm kunfidenzjali rigward l-appellant tali informazzjoni baqgħet misteru u ma nġieb l-ebda xhud biex jikkonferma u għaldaqstant hija inammissibbli. Illi tali xhud kien importanti meta jiġi meqjus il-fatt illi kif l-Ispettur iddepona kien hemm diskrepanzi bejn dak li qalu l-appellant u dak li qal l-istess Davison Micallef. Fil-fatt il-fatt waħdu illi wħud mill-boroż kellhom tikka ħamra ġew konsiderati mill-Ewwel Qorti meta din għażlet illi temmen dak li qal is-Sur Micallef mingħajr qatt ma xehed quddiemha. Illi l-Ewwel Qorti tat ukoll piż sostanzjali fuq il-messaġġi bil-mobiles meta l-Ewwel Qorti qalet hekk[1]. Illi preliminarjament, fl-ewwel lok jiġi sottomess illi minn imkien mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma

[1] Ara paġna 15 -16 tar-rikors

rriżulta illi dawn it-tlett mobile phones ġew elevati. Fil-fatt kienu jappartjenu lill-appellant jew almenu li l-istess phones kienu fil-pussess tiegħu. Anzi, a kuntrarju, mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirriżulta li minn fuq il-persuna tal-appellant waqt it-tfittxija li saritlu ġie elevat biss mobile phone wieħed u li t-tlett mobile phones l-oħra kienu fil-fatt ġew elevati mill-kamra tas-sodda ta' ħu l-girlfriend tal-appellant u cjoe' mill-kamra ta' Davison Micallef liema skont il-Pulizija stess assuma r-responsabilita' tagħhom hu. Filfatt jekk wieħed jaqra d-depożizzjoni tal-Ispettur Malcolm Bondin dan jirriżulta li qal hekk. Ukoll, minkejja l-fatt li waqt l-investigazzjoni tagħhom il-Pulizija elevaw erba' mobile phones, ġew biss esebiti tlett mobile phones ġewwa evidence bag senjalata bin-numru S 00828721. Lanqas ix-xhieda tal-espert Keith Cutajar ma titfa' ebda dawl fuq dan, u dan peress illi l-istess espert fir-rapport tiegħu filwaqt li jiċċara li huwa eżamina biss tlett mobile phones, jispjega illi rtira dawn l-eżebiti direttament mill-Qorti. Inoltre huwa importanti dak li xehed l-Uffiċjal tal-Pulizija PS 243 Clayton Frendo li kkonferma in kontro-eżami li ma jiftakarx li ġew elevati aktar minn mobile phone wieħed minn fuq il-persuna tal-appellant. Kwindi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta assumiet illi dawn it-tlett mobile phones kienu tal-appellant jew li għandu konnessjoni magħhom.

Illi di piu' u dejjem strettament mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Ewwel Qorti xorta waħda ma setgħet qatt tasal għall-ħtija a bażi tal-messaġġi li nstabu fit-tnejn mill-mobile phones eżebiti. L-messaġġi li jgħidu 'delivered' u li huma segwiti b'messaġġi qosra bħal 'wasalt' jew 'fadallek' mhux tali li juru rabta diretta ma' droga. Il-kliem li hemm fihom mingħajr kuntest partikolari ma setgħu qatt iwasslu lill-Ewwel Qorti għal dik il-konklużjoni. In oltre, jihder li l-Ewwel Onorabbli Qorti ħadet biss konsiderazzjoni selettiva ta' dak li xehed l-espert Keith Cutajar – l-espert indika li meta mobile phone ma jkollux attivita' dan jista' jkun ukoll attribwibbli għall-ħsara u mhux għax ikun ġie iwwapjat. Jidher li l-Ewwel Qorti ma qiesietx dan kollu meta fil-konsiderazzjoni tagħha għamlet aċċenn anke għal kemm -il mobile nstab u l-fatt ili kien hemm iżjed minn wieħed.

In oltre fir-residenza tal-appellant ma nstab xejn li jista' jindika li d-droga misjuba fil-pussess tiegħu ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu. Fil-fatt la nstabu mwieżen, la nstabu xi boroż tal-plastikk jew foil imqatta' li fihom normalment tinbiegħ id-droga u lanqas ma nstabu xi notamenti li jistgħu jindikaw il-bejgħ ta' droga da parti tal-imputat. Fit-tfittxija illi saret anke fil-kamra li kien qiegħed juża', ma nstab xejn iżda li nstab kien fil-kamra ta' ħu l-għarusa tiegħu ta' dak iż-żmien.

Illi għar-rigward il-flus li nstabu fuq l-imputat kienu jammontaw għall-erba' mija u għaxar ewro u dawn kienu flus li huwa kien ġab minn karozza illi huwa kien biegħ bid-dejn u għaldaqstant is-somma lanqas ma hija waħda konsiderevoli jew li ġġiegħel li xi ħadd jaħseb li din tammonta għal ċirkostanza ta' pussess aggravat. Lanqas fingerprints ma ttieħdu sabiex jiġ żgurat li d-droga effettivament kienet tiegħu.[2]

[2] L-appellant għamel referenza għall-bosta ġurisprudenza in tema legali ta' pussess aggravat.

Il-kelma ‘pussess’ għandha tintftiehem bħala illi s-sustanza f’xi ħin tkun għand persuna li jkollu intenzjoni u tqis l-istess bħala tagħha filwaqt li l-pussess aggravat jissussisti meta ssussegwentement tiġi ffurmata l-intenzjoni illi dik l-istess sustanza li l-persuna tkun qed tqies bħala tagħha tiġi mgħoddija lil terza persuna. Għalhekk meta din il-Qorti tqus dan kollu flimkien jirriżulta li lanqas hemm pruvat lid-droga li nstabet seta’ kienet biss tal-imputat odjern u dan għaliex ma nġiebet l-ebda prova lil hinn mid-dubju dettat mir-raġuni li d-droga kienet xjentement tal-imputat.

iii) Il-Piena Erogata: il-piena hija waħda eċċessiva u cjoe’ dik ta’ sena priġunerija u ħlas il-multa ta’ elf ewro.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta’ reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Man ġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[3] intqal:

---

[3] Tal-21 t’April 2005. Ara wkoll Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta’ l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed”, u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta’ din il-Qorti jibqa’ dak ta’ reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta’ ritrattazzjoni, u ma terġax tisma’ l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[4]

6. Din il-Qorti, b’hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta’ reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b’dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b’mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

[4] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta’ dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista’ tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[5]

9. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

10. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati

[5] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

kellhom quddiemhom fil-passat.[6] Iġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

11. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[7]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

12. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

13. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **<u>ma teħtieġx</u>** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliża fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

---

[6] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[7] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

14. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[8] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

15. Fil-każ Ingliż **Majid**,[9] Lord Moses stqarr hekk:

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

16. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[10] jgħidu s-segwenti:

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

17. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

[8] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[9] ibid.
[10] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

18. U huwa biss meta jkun hemm **<u>id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża</u>** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

19. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

20. Illi huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-hearsay u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw **il-hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

> **598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.
>
> (2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.
>
> (3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.
>
> **599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew

li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

21. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:
'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23.Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

22. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:
'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

23. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Angelus Vella**,

deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:

> Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

24. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

25. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs. Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

26. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## E. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

27. Illi nhar l-20 ta' Frar 2016 fuq informazzjoni li daħlet lill-Pulizija, bdiet investigazzjoni u operazzjoni ta' sorveljanza fuq il-persuna tal-appellant Melvin DEBONO. L-uffiċjali tal-Pulizija PS 518 u PC 1026 kienu rċevew struzzjonijiet mill-Ispettur Malcolm Bondin sabiex jagħmlu xogħol ta' sorveljanza fuq DEBONO u kienu huma li dakinhar waqqfu lil dan tal-aħħar għal 'spot check' fi Triq Ħal Qormi ġewwa l-Marsa. Waqt din it-tfittxija rriżulta li DEBONO kien fil-preżenza ta' ċertu Mary Rose Micallef li kienet it-tfajla tiegħu ta' dak iż-żmien u fil-vettura wkoll instabu tmien pakketti suspettużi kontenenti sustanza ta' kulur abjad u s-somma ta' erba' mija u għaxar euro (€410) fuq il-persuna tiegħu. Il-Pulizija elevaw ukoll telefon ċellulari li kien fuq il-persuna tiegħu. L-appellant DEBONO ingħata d-drittijiet tiegħu u ġie arrestat fuq il-post.

28. Illi l-investigazzjoni tal-Pulizija kompliet u anki saret tfittxija ġewwa r-residenza fejn kien qiegħed jgħix fl-indirizz ta' 285 Flat 3, Triq Żewġ Mini, Senglea fejn fil-kamra tas-sodda li kienet qiegħda tintuża minn ħu t-tfajla tiegħu, ċertu Davison Micallef, instabet iktar sustanza ta' lewn kannella maqsuma fi tlieta u għoxrin qartas suspettata droga erojina flimkien ma' sustanza bajda suspettata droga kokajina u oġġetti oħra relatati mal-użu tad-droga fosthom

crushers u tlett telefons ċellulari oħra. Instabet ukoll traċċa ta' sustanza suspettata droga cannabis. Mill-investigazzjoni tal-Pulizija rriżulta wkoll li fuq uħud mill-pakketti li sabu fil-vettura misjuqa mill-appellant DEBONO, kien hemm tikka ħamra filwaqt li oħrajn ma kellhomx hekk l-istess sinjal fuqhom.

29. Illi sussegwentement, l-appellant DEBONO tressaq b'rabta ma' din is-sejba ta' droga quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u nhar it-12 ta' Awissu 2020 nstab ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu.

**Ikkunsidrat**

**Analiżi tal-ewwel aggravju: L-inammissibilita' tal-istqarrija irrilaxxjata mill-appellant nhar il-21 ta' Frar 2016 mingħajr il-jedd għall-assistenza legali fil-waqt tat-teħid tal-istess.**

30. Illi jirriżulta li l-appellant DEBONO rrilaxxja stqarrija bil-miktub mal-Pulizija nhar il-21 ta' Frar 2016 liema stqarrija huwa għażel illi jiffirma għaliha. Din l-istqarrija huwa rrilaxxjaha wara li ġie mogħti d-dritt għall-assistenza legali konsistenti fil-konsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu qabel ma huwa jiġi interrogat u ngħata wkoll is-segwenti twissija mill-Ispettur Malcolm Bondin:

> 'M'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tgħid jista' jinġieb bi prova; ma' dan kollu, jekk ma tkunx trid tgħid xejn jew tonqos milli ssemmi xi fatt, il-qorti jew il-ġudikant jistgħu jaslu għar-regola ta' inferenza li tammonta għal prova korroborativa, jekk matul il-proċess inti tressaq xi difiża li tkun ibbażata fuq xi fatt li ma tkunx semmejt matul l-interrogazzjoni.'

31. Jirriżulta ukoll minn foljo numru wieħed ta' din l-istess stqarrija li l-appellant użufruwixxa mid-dritt għall-assistenza legali kif ingħad hekk kif huwa għażel illi jikkonsulta mal-avukat Dr. Charmaine Cherret qabel ma bdiet l-interrogazzjoni magħmula mill-Ispettur Malcolm Bondin fil-preżenza wkoll tal-uffiċjal tal-Pulizija WPS 237 Antonella Vella. Dan ikun ifisser illi fiż-żmien tar-rilaxx ta' dawn id-dikjarazzjonijiet/xhieda tiegħu, il-Liġi viġenti kienet dik li daħħlet fis-seħħ permezz ta' Att III tal-2002 li introduċiet fis-sistema ta' Liġi penali Malti forma ta' dritt ta' assistenza legali konsistenti fil-fakulta' li l-persuna li tkun qeda arrestata jew qeda tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew post ieħor ta' detenzjoni awtorizzata, tkun tista' titlob u titħalla kemm jista' jkun malajr sabiex tikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali wiċċ imb'wiċċ jew bit-

telefon għal mhux aktar minn siegħa żmien. Dan id-dritt madanakollu daħal fis-seħħ snin wara, u preċiżament nhar l-10 ta' Frar tas-sena 2010 u kif intqal kien jagħti lil persuna arrestata d-dritt ta' assistenza legali limitatament għal qabel l-interrogazzjoni mill-Pulizija.

32. Din il-Qorti tqis ukoll li fiż-żmien li DEBONO irilaxxja l-istess dikjarazzjonijiet, il-Liġi nostrana kienet tapplika wkoll dik li tissejjaħ ir-regola tal-inferenza liema regola kienet tidħol fis-seħħ meta l-akkużat jew suspettat ta' reat li jkun użufruwixxa mid-dritt tiegħu li jikkonsulta ma' avukat għal massimu ta' siegħa qabel l-interrogazzjoni tiegħu b'rabta mal-istess reat ikun imbagħad ibbaża d-difiża tiegħu fil-proċess penali li jkun inġieb kontra tiegħu fuq xi fatt/i li ma jkunx/ikunux issemma'/issemmew minnu fl-interrogazzjoni.

33. Illi maż-żmien, il-Liġi penali Maltija kompliet tevolvi sabiex tirrifletti l-evoluzzjoni tad-dritt Ewropew għal dak li jirrigwarda d-drittijiet konċessi lill-persuni suspettati u akkużati ta' reat kriminali u kien għalhekk li ġie promulgat l-Att LI tas-sena 2016 liema strument leġislattiv introduċa – fost oħrajn- fil-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 355AUA. Din id-dispożizzjoni tal-Liġi – flimkien ma' oħrajn li ġew introdotti fil-Kodiċi Kriminali taħt is-Sub-titolu IX tat-Titolu I tat-Taqsima I - ġiet imfassla fuq id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għall-avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew u taqra bis-segwenti mod:

> (1) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt ta' aċċess għal avukat fil-ħin u b'tali mod li jħalliha teżerċita d-drittijiet ta' difiża tagħha b'mod prattiku u effettiv.
> (2) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalità, il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mill-mument li sseħħ l-ewwel waħda minn dawn il-ġrajjiet:
> (a) qabel ma tkun interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja fir-rigward tat-twettiq ta' reat kriminali;
> (b) mat-twettiq minn awtoritajiet investigattivi jewawtoritajiet kompetenti oħra ta' xi att ta' naturainvestigattiva jew att ta' kollezzjoni ta' evidenza oħra skont is-subartikolu (8)(e);
> (ċ) mingħajr ebda dewmien wara li tkun ġiet imċaħħda l-libertà;(d) meta tkun ġiet imħarrka sabiex tidher quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, f'qasir żmien qabel ma titressaq quddiem dik il-qorti.

34. Illi l-pożizzjoni li kienu qiegħdin jaddottaw il-Qrati Maltin wara l-pronunzjament tad-deċiżjoni fl-ismijiet **Borg vs. Malta**[11] mill-QEDB kienet dik li jordnaw l-isfilz mill-atti proċesswali u kwindi l-inammissibilita' ta' dawk l-istqarrijiet irrilaxxjati mill-persuna suspettata u mbagħad akkużata u dan b'referenza għal dawk l-istqarrijiet li kienu jingħataw mingħajr ma' dan ikollu d-dritt għall-aċċess għall-assistenza legali fil-mument tal-interrogazzjoni:

'56. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).

57. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55).

58. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).

(ii) Application to the present case :

59. The Court observes that the post-Salduz case-law referred to by the Government (paragraph 53 in fine) does not concern situations where the lack of legal assistance at the pre-trial stage stemmed either from a lack of legal provisions allowing for such assistance or from an explicit ban in domestic law.

60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54,

[11] Deċiża fit-12 ta' Jannar 2016 u reża finali fit-12 ta' April 2016 (applikazzjoni numru:37537/13)

14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, Pagna 27 minn 127 no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).

61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).

**62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56). 63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention.**[12]

35. Illi mbagħad, reċentement, il-QEDB kompliet tiżviluppa l-linja tal-ħsieb tagħha b'mod tali li ma baqgħetx titkellem fuq ksur awtomatiku ta' dritt għal smiegħ xieraq tal-akkużat f'każ li kienet teżisti ristrezzjoni sistemika għad-dritt għall-assistenza legali fil-fażi 'pre-trial' iżda addottat dawk il-kriterji li espandiet f'ġurisprudenza bħalma hi **Beuze vs. Belgium**[13] u **Farrugia vs. Malta.**[14] Fil-kawża **Farrugia vs. Malta**, b'referenza għall-kriterji enunċjati **f'Beuze vs. Belgium**, il-QEDB stqarret is-segwenti:

'98. Prior to the recent Beuze judgment, in a number of cases, the Court found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, ab initio, to a violation of the Convention (see, in particular, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009 and Boz v. Turkey, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010). That same approach was followed by the Court in relation to the Maltese context in Borg (no.37537/13, 12 January 2016).

[12] Enfasi ta' din il-Qorti.
[13] Deċiżjoni tal-Grand Chamber tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru 2018 (applikazzjoni numru: 71409/10).
[14] Deċiżjoni tal-Grand Chamber tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-4 ta' Ġunju 2019 u reża finali fis-7 ta' Ottubru 2019 (applikazzjoni numru: 63041/13)

**99. Subsequently, being confronted with a certain divergence in the approach to be followed in cases dealing with the right of access to a lawyer, the Court had occasion to further examine the matter in Ibrahim and Others, Simeonovi and more recently in Beuze, all cited above, where the Court departed from the principle set out in the preceding paragraph.**[15] In Beuze, the most recent authority on the matter, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them, as explained below. (i) Concept of compelling reasons

100. The criterion of "compelling reasons" is a stringent one: having regard to the fundamental nature and importance of early access to legal advice, in particular at the suspect's first police interview, restrictions on access to a lawyer are permitted only in exceptional circumstances, must be of a temporary nature and must be based on an individual assessment of the particular circumstances of the case. A finding of compelling reasons cannot stem from the mere existence of legislation precluding the presence of a lawyer. The fact that there is a general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an individual and case-specific assessment, whether there are any compelling reasons. Where a respondent Government have convincingly demonstrated the existence of an urgent need to avert serious adverse consequences for life, liberty or physical integrity in a given case, this can amount to a compelling reason to restrict access to legal advice for the purposes of Article 6 of the Convention (see Beuze, cited above, §§ 142-143).
(ii) The fairness of the proceedings as a whole and the relationship between the two stages of the test 101. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer (see Beuze, cited above, § 145). 102. The Court further emphasises that where access to a lawyer was delayed, and where the suspect was not notified of the right to legal assistance, the privilege against selfincrimination or the right to remain silent, it will be even more difficult for the Government to show that the proceedings as a whole were fair (ibid., § 146). 103. As the Court has already observed, subject to respect for the overall fairness of the proceedings, the conditions for the application of Article 6 §§ 1 and 3 (c) during police custody and the pre-trial proceedings will depend on the specific nature of those two phases and on the circumstances of the case (ibid., § 149).
(iii) Relevant factors for the overall fairness assessment 104. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account:
(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;
(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule

[15] Enfasi ta' din il-Qorti.

applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;
(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;
(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion; (e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;
(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;
(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;
(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;
(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and (j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice (ibid., § 150).'

118. However, the nature of the statements and their use is of particular relevance in the present case. The Court notes that they did not contain any confessions nor was their content self-incriminating. However, the privilege against self-incrimination is not confined to actual confessions or to remarks which are directly incriminating; for statements to be regarded as self-incriminating it is sufficient for them to have substantially affected the accused's position (see, for example, Schmid-Laffer v. Switzerland, no. 41269/08, § 37, 16 June 2015). Indeed, the statements given by the applicant, at pre-trial stage in the absence of a lawyer, were relied on by the Court of Criminal Appeal in connection with the applicant's credibility. In particular, in its judgment the Court of Criminal Appeal had noted certain inconsistencies in his statements of 1 and 2 February 2002 (see paragraph 22 above) and it had considered that he was not reliable as the applicant had replied in an evasive and hesitant way to police questions concerning his business, profitability, rent, and profits of the previous year (see paragraph 26 above). Nevertheless, the Court cannot but note that the Court of Criminal Appeal had found that A.F.'s statements had been enough to determine the applicant's guilt. In consequence its assessment of the applicant's credibility on the basis of his pre-trial statements can be considered as having been made ex abundanti cautela (out of an abundance of caution). In the light of the Court of Criminal Appeal's finding concerning the sufficiency of A.F.'s statements, the Court considers that the use it made of the applicant's statements to assess his credibility cannot be considered as having substantially affected his position. (iii) Conclusion

**119. In conclusion, while very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court, in the specific circumstances of the case, finds that having taken into account the combination of the various above-mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer.**

**120. There has therefore been no violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention.**[16]

36. U din il-linja ġurisprudenzjali ġiet abbraċċjata pjenament mill-Qrati Maltin kif jirriżulta minn diversi każijiet deċiżi warajha fosthom **The Republic of Malta vs. Lamin Samura Seguba,**[17] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Kevin Gatt u Omissis,**[18] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ahmed El Fadali Enan,**[19] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rosario Militello,**[20] u **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf Josephine Wadi.**[21]

37. In linea ma' **Beuze** u **Farrugia** l-istqarrija irrilaxxjata mill-appellant DEBONO ttieħdet b'konformita' mal-liġi kif kienet viġenti fiż-żmien tat-teħid tagħha u allura ma tistax titqies bħala li hija waħda ivvizjata minn xi difett li jrendiha inammissibbli hekk kif lanqas ma hija awtomatikament sfilzabbli. Anzi, din il-Qorti żżid tgħid li t-test tal-'overall fairness' hekk kif rakkomandat f'**Beuze** u **Farrugia** dejjem kellu bħala skop dak li jiggarantixxi il-ħolqien ta' bilanċ ekwu bejn l-interessi tal-akkużat li jassikura proċess penali ekwu u fuq naħa oħra dak taċ-ċittadin li jaspira għall-proċess penali trasparenti li jwassal għal dik il-verita storika daqskemm hi ġusta.

38. Dan iżda sa ftit żmien ilu biss, għaliex iktar reċenti, f'dawn l-aħħar sentejn, fuq l-influwenza u d-direzzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali Maltin kellhom jadottaw pożizzjoni iktar riġida minn dawk il-linji traċċjati mill-QEDB f'**Beuze** u f'**Farrugia:** ara f'dan is-sens **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Andrew Mangion** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Mejju 2022; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Anthony Bugeja u Piero Di Bartolo** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar it-22 ta' Ġunju 2022; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carl Caruana** deċiża nhar deċiża mill-Qorti Kriminali kif preseduta nhar is-6 ta' Diċembru 2022 u **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Keith Cremona** deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2022 mill-Qorti Kriminali.

39. Id-direzzjoni mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali kienet intiża sabiex jiġu evitati lanjanzi dwar ksur sistemiku ta' drittijiet fundamentali tal-akkużat. Fil-kawża quddiem dik il-Qorti fl-ismijiet

[16] Enfasi ta' din il-Qorti.
[17] Deċiża nhar is-27 ta' Jannar 2021 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)
[18] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Ottubru 2021.
[19] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Jannar 2021.
[20] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Jannar 2021.
[21] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Jannar 2021.

**Morgan Onuorah vs. l-Avukat tal-Istat** deċiża nhar is-27 ta' Jannar 2021, intqal:

25. Fl-aħħar aggravju r-rikorrent argumenta dwar ir-rimedji. Isostni li:

"Illi jiġi rilevat illi jekk hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem minħabba kemm l-operat tal-Pulizija Investigattiva u kemm mill-Avukat Generali, awtomatikament il-proċeduri sussegwenti fil-konfront tal-appellanti kienu monki u jilledu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem peress li bdew u bbazati fuq ċirkostanzi leżivi għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. L-appellant jirrileva illi l-Qorti bħala Sede Kostituzzjonali għandha tiggarantixxi il-korrettezza tal-proċeduri meħuda u s-sentenza infushom fis-sens illi għandhom jiġu garantiti l-ħarsien ta' ċertu prinċipji proċedurali li huma indispensabbli għall-amministrazzjoni tajba tal- ġustizzja".

26. Kif diġa` issemma, il-fatt waħdu li saret l-interrogazzjoni mhux fil- presenza ta' avukat ta' fiduċja tal-attur m'huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq. Madankollu l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali, li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-reati li akkużat biha, taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd fundamentali. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra l-ġurisprudenza ampja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li issa ilha s-snin tirrepeti l- istess insenjament. Li s-suspettat jitkellem ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, l- assistenza ta' avukat wara li tkun saret l-interrogazzjoni u n-natura adversarial tal-kawża kriminali sussegwenti, m'humiex garanzija adegwata li jirrimedjaw għad-difett li s-suspett ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni li saret meta kien taħt arrest. Fis-sentenza riċenti Mehmet Zeki Celebi v. Turkey (App. 27583/07) il-QEDB kompliet tisħaq: "57. The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to legal advice. The Court also reiterates that it is only in very exceptional circumstances that it can conclude that a given trial has not been prejudiced by the restriction of an applicant's right of access to a lawyer (see Dimitar Mitev v. Bulgaria, no. 34779/08, 71, 8 March 2018)".

28. Irrispettivament taqbilx mar-raġunament ta' dik il-Qorti internazzjonali, jibqa' l-fatt li l-ġurisprudenza kienet ċara meta ngħatat is- sentenza ta' Salduz f'Novembru 2008 fis-sens li n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat waqt interrogazzjoni tal-pulizija kienet difett proċedurali. Dan għalkemm bis-sentenza Ibrahim and Others v. the United Kingdom tat- 13 ta' Settembru 2016, il-Grand Chamber għamlet enfażi fuq l-'overall fairness' tal-proċeduri kriminali u fis-sentenza Beuze v. Belgium l-istess qorti kompliet tiċċara kif kellu jiġi applikat dak il- prinċipju.

29. Fl-aħħar mill-aħħar il-qrati domestiċi ma jistgħux jippermettu li f'proċeduri kriminali li għadhom pendenti jitħallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bħala difett proċedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-proċess kriminali kollu.'

'30. Kien id-dmir tal-Gvernijiet differenti matul is-snin li jaġġornaw ruħhom mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea u ma jistennewx sal-2016 sabiex jintroduċu disposizzjoni fil-Kodiċi Kriminali li s-suspettat għandu jedd għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni li ssir meta jkun fil- kustodja tal-pulizija. Emenda li saret sabiex tittrasponi d-disposizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew (ara Art. 355AT tal- Kodiċi Kriminali), li fost miżuri oħra assigurat iddritt tas-suspettat għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija. Għal

> dawn il-motivi tiċħad l-appell, b'dan li tagħti direzzjoni lill-Qorti Kriminali sabiex fil-proċeduri kriminali The Republic of Malta v. Izuchukwu Morgan Onourah (att ta' akkuża numru 11/2015) tippermettix l-użu bħala prova tal-istqarrija li l-appellant kien ta waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija.

40. L-istess ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża **The Police vs. Alexander Hickey** deċiża fl-istess ġurnata u **Clive Dimech vs. Avukat Ġenerali**.[22] Ukoll, **f'Christopher Bartolo vs. Avukat tal-Istat[23]** il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet is-segwenti b'rabta ma' dawk l-istqarrijiet li l-akkużat ikkonferma quddiem il-Maġistrat Inkwirenti taħt ġurament wara li kien irrilaxxja l-istess quddiem l-Uffiċjal Investigattivi:

> 74. Daqshekk huwa importanti li stqarrija tittieħed bil-garanziji kollha li jħarsu d-drittijiet ta' min ikun qiegħed jirrilaxxja għaliex l-ammissjoni hija wara kollox ir-regina. Di fatti Karen Reid fil-ktieb 'A practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights' (Tielet Edizzjoni) f'paġna 70: "While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole, a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall." Iġifieri, prova waħda ottenuta kontra l-liġi, tista' waħedha tikkontamina l-proċess kollu. Ghaldaqstant il-Qorti kkonkludiet bis-segwenti:
>
> 79. Il-Qorti qed tipprova tirrinkonċilja l-fatt, fid-dawl ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018. Dik il-Qorti ordnat, li biex ma jseħħx ksur tad-drittijiet tar-rikorrent ma jsirx aktar użu fil-proċeduri kriminali miż-żewġ stqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent. Fid-dawl ta' din l-ordni, din il-Qorti ma tistax tifhem b'liema tiġbid tal-immaginazzjoni tista' tasal għall-konklużjoni li l-konferma bil-ġurament ta' dawk l-istqarrijiet quddiem il-Maġistrat ma għandhomx ukoll ikunu mwarrbin. Kważi kwazi dan għandu xebħ mal-każ fejn dokument oriġinali jitwarrab iżda mhux il-kopja tiegħu. Il-konferma bil-ġurament hija unikament imsejsa fuq l-istqarrijiet u kwalunkwe ammissjoni kienet ukoll b'konsegwenza tal-istess.

41. Għaldaqstant, almenu s'issa, il-posizzjoni fi **Clive Dimech vs. Avukat Ġenerali**, **The Police vs. Alexander Hickey**, **Morgan Onourah vs. Avukat tal-Istat** u **Christopher Bartolo vs. Avukat tal-Istat** kienet l-aktar direzzjoni ċara mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali – u din il-Qorti jkollha tapplika dik id-direzzjoni sabiex jiġu evitati lanjanzi tat-tip kostituzzjonali minħabba l-potenzjalita' li l-istqarrijiet meħuda mingħajr il-preżenza tal-avukat tal-fiduċja tal-appellant fil-mument tar-rilaxx tal-interrogazzjoni tiġi b'xi mod ritenuta li tkun leżiva għad-drittijiet ta' smiegħ xieraq tal-appellant,

[22] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-14 ta' Lulju, 2020.
[23] Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Ġunju 2021.

simliment kif ġie ribadit f' **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Andrew Mangion**[24] fejn intqal:

Illi għalkemm, kif ingħad, l-imsemmija prova mhijiex nieqsa mill-valur probatorju tagħha ġaladarba ma hemm ebda regola ta' dritt penali li qed teskludi l-ammissjoni ta'l-istess, u ġaladarba ukoll il-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu għadu ma seħħx, biex b'hekk lanqas jista' jiġi stabbilit f'dan l-istadju bikri jekk kienx hemm xi vjolazzjoni tal-persuna akkużata taddrittijiet kostituzzjonali tagħha, madanakollu l-Qorti ma tistax ma timxiex maddirezzjoni li qed tingħata mill-Qorti Kostituzzjonali billi jidher li din hija waħda kostanti, għalkemm, kif ingħad, il-proċess ġudizzjarju għadu ma wasalx fit-tmiem tiegħu. Intqal hekk fl-aktar deċiżjoni reċenti mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali : -

11. Illi dan ifisser ukoll li għalkemm jista' jkun li dik l-istqarrija maħlufa ma kisritx diġa` l-jedd fundamentali tal-appellat għal smigħ xieraq (minħabba li lproċess kontrih għadu mhux mitmum), x'aktarx iġġiblu ksur ta' dak il-jedd li kieku wieħed kellu jqis dak li tgħid fiha u jimxi fuqha. .....

15. Illi meta wieħed jiġi biex jifhem kif jitħaddem kemm l-Artikolu 39 talKostituzzjoni u kif ukoll l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, iridu ta'bilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun, u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti. Wieħed ma jistax u m'għandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li ta' bilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq. F'ċirkostanza bħal din u safejn ma toħroġx prova ta' xi ħsara jew preġudizzju li ma jissewwiex, huwa ndikat u għaqli li l-istħarriġ dwar jekk wieħed ingħatax smigħ xieraq isir wara li jkun intemm il-proċediment li jkun u mhux qabel. Huwa minnu wkoll li wieħed ma jistax jeskludi minn qabel li jista' jkun hemm ċirkostanza proċedurali waħda matul il-proċess ġudizzjarju li taf tkun serja u determinanti biżżejjed biex titlob l-istħarriġ tal-ilment ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda r-regola tibqa' li jitqies l-iter proċedurali kollu. ...

Iżda finalment imbagħad ġie hekk deċiż:

Min-naħa l-oħra, bħalma din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ewwel kawża kostituzzjonali sabet li kien jixraq li ma jsir l-ebda użu ieħor taż-żewġ stqarrijiet li r-rikorrent appellat ta lill-Pulizija, bla ma sabet li kien diġa` ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, hekk ukoll f'dan il-każ, il-fatt li din il-Qorti jidhrilha li ma għandu jsir l-ebda użu mill-istqarrija maħlufa li l-appellat għamel quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, ma jfissirx li dan qiegħed isir għaliex huwa ġarrab ksur ta' dak il-jedd, imma sewwasew biex jitneħħa lbiżgħa li jista' jġarrab ksur bħal dak;

[24] Deċiża 22 ta' Ġunju 2022 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)

18. Illi l-Qorti allura trid neċessarjament timxi mad-direzzjoni li qed tingħata mill-Qorti Kostituzzjonali, u dan għalkemm f'dan l-istadju tal-proċeduri ma jistax jingħad illi l-prova magħmula permezz tal-istqarrija tal-akkużat hija mittiefsa minn xi difett proċedurali li jirrendieha inammissibbli, kif tajjeb tikkonkludi l-Qorti Kriminali. Dan qed isir ukoll bil-għan li jkun hemm trattament ugwali bejn il-persuni kollha li jersqu quddiem il-qrati penali sabiex ikunu ġġudikati dwar reati allegatament minnhom kommessi u wkoll sabiex ikunu evitati proċeduri ulterjuri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, bil-proċess ġudizzjarju jitwal inutilment.

42. In definittiva, jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet illi għamlet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta)[25] illi dawn id-dikjarazzjonijiet inkriminanti magħmula mingħajr l-assistenza legali preżenti fil-mument tar-rilaxx tagħhom hija tathom id-dovut piż tant li rabtithom ukoll ma' provi oħra ta' natura korroborativa li hija siltet mill-assjem tal-provi miġjuba. Ikun għalhekk isegwi illi fuq skorta tad-direzzjoni legali mogħtija kif ingħad, din l-istqarrija ma tistax titqisx ammissibbli bħala prova f'din il-proċedura u l-aggravju tal-appellant f'dan ir-rigward jistħoqqlu li jiġi milqugħ.

**Ikkunsidrat**

**It-tieni aggravju: l-apprezzament żbaljat tal-provi prodotti sabiex tinstab ħtija fil-konfront tal-appellant għall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu.**

43. Skartata l-istqarrija tal-appellant, jifdal għalhekk l-istħarriġ tal-kumplament tal-provi.

44. L-imputazzjonijiet immarkati bħala A) u B) rispettivament hekk kif miġjuba kontra l-appellant jitrattaw żewġ sejbiet ta' sustanzi illeċiti magħmula fl-20 ta' Frar 2016 f'ċirkostanzi li l-Prosekuzzjoni qiegħda tipprospetta li juru li tali sustanza ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tal-appellant.

45. Illi in kwantu għar-reat ta' pussess kwalifikat, il-pożizzjoni ġurisprudenzjali hija tali li tqis il-kwantita' ta' droga misjuba bħala evidenza li waħidha tista', fiċ-ċirkostanzi kongruwi, tkun suffiċjentement indikativa daqskemm konklussiva ta' użu mhux intiż għall-konsum personali. Il-Qorti tkun trid tagħmel evalwazzjoni tal-fattispeċje ta' kull każ fiċ-ċirkostanzi partikolari u singolari tiegħu hekk kif ma teżisti l-ebda regola kristalizzata li tistabbilixxi meta l-

[25] Ara paġna 10 tas-sentenza.

pussess għandu jkun meqjus li jkun aggravat daqskemm meta dan ma jkunx.

46. Meta l-ammont ta' droga misjuba tkun fi kwantitajiet li wieħed, bl-użu tar-regoli tal-buon sens ma jassoċjax ma' użu personali, din iċ-ċirkostanza waħidha taf ukoll tkun suffiċjenti sabiex tikkonvinċi lill-ġudikant li tali kwantita' ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tal-akkużat. Meta l-ammont ma jkunx tali li normalment wieħed jassoċjah ma' użu personali, ikun jispetta lill-imputat li jipprova - fuq bażi ta' probabilita' - li dik id-droga kienet għall-użu esklussiv tiegħu. Din il-linja difensiva tista' tinkludi, per eżempju billi l-imputat juri, fuq bażi ta' probabbilita kif id-dipendenza tiegħu kienet waħda akuta biex b'hekk il-kwantita' misjuba fil-pussess tiegħu tkun iġġustifikata u ssostanzjata. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Brian Caruana** deċiż nhar it-23 ta' Mejju 2002 ġie rilevat is-segwenti:

> Kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu eskluzziv tal-akkuzat fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha il-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu u ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika u l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli.

47. Ukoll, fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Marius Mallia** deċiż nhar it-12 ta' Mejju 2005, ġie ritenut illi:

> Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia, cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. **Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio** [26.8.2998]. Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara App. Kriminali **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri** [2.9.1999].
>
> Illi pero' kif ġie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull każ hu differenti mill-ieħor u jekk jirriżultawx iċ-ċirkostanzi li jwasslu lill-ġudikant għall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx għall-użu esklussiv tal-akkużat, fl-aħħar mill-aħħar, hija waħda li jrid jagħmilha l-ġudikant fuq il-fattispeċji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi 'hard and fast rule' x'inhuma dawn iċ-ċirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jagħmlu l-ġudikant u jekk l-konklużjoni li jkun wasal għaliha l-ġudikant tkun perfettament raġġiunċibbli bl-użu tal-loġika w l-buon sens u bbażata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'oħra anke jekk mhux neċessarjament tkun l-unika konklużjoni possibbli (App. Krim. ''**Il-Pulizija vs. Brian Caruana** 23.5.2002'')

48. Bl-istess mod intqal fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Jason Mallia** deċiż nhar it-2 ta' Settembru 1999:

> Qabel xejn għandu jiġi preċiżat li mhux korrett li wieħed jgħid li biex tikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplat fl-Artikolu 22(20(b)(i) tal-Kap. 101 irid ikun hemm provi li juru li l-possessur kellu l-animus li jispaċċa d-droga. Jekk tiġi ppruvata miċ-ċirkostanzi, tali intenzjoni allura ċertament dak il-pussess ma jkunx għall-użu esklussiv tal-possessur. Iżda tali intenzjoni mhiex meħtieġa għall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrkejedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati." Fi kliem ieħor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix beħsieha tuża, tali pussess ikun jammonta għal pussess mhux għall-użu esklussiv tal-pussessur, ukoll jekk il-pussessur ikun għadu ma ddeċidiex kif biħsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga.

49. In linja ma' **Mallia**, l-element formali tar-reat jista' wkoll jiġi deżunt miċ-ċirkostanzi li jsawru l-każ partikolari b'mod allura li l-assjem taċ-ċirkostanzi li fihom tkun instabet id-droga jistgħu jkunu tali li minnhom il-Qorti tkun tista' tikkonkludi li dik id-droga misjuba tkun qed tiġi miżmuma mill-pussessur tagħha bl-intenzjoni li tiġi spaċċata u mhux daqstant għall-użu personali tiegħu.

50. Mill-kunsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) skont ma jirriżulta minn paġna tlettax tas-sentenza appellata din il-Qorti tislet illi d-deċiżjoni ta' sejbien ta' ħtija kienet ibbażata fuq is-segwenti provi:

i) Il-piż li kellhom il-pakketti misjuba fil-vettura misjuqa mill-appellant dakinhar tal-20 ta' Frar 2016;
ii) It-tikka ħamra fuq uħud mill-pakketti;
iii) Il-fatt li l-appellant kellu tlett mobile phones;
iv) Il-messaġġi li kienu qedin jiġu skambjati f'wieħed mill-mobiles;
v) L-ammont ta' flus li nstabu fuq l-appellant.

51. Qabel xejn, fin-nuqqas ta' dak li stqarr l-appellant fl-istqarrija tiegħu, ma hemm ebda prova soda li turi, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, li d-droga misjuba fil-vettura misjuqa mill-appellant kienet fil-fatt droga li kienet fil-pussess materjali jew kostruttiv tiegħu. Għad li l-vettura tal-marka Pajero bin-numru ta' reġistrazzjoni ABV 646 kienet qegħda tinstaq mill-appellant dakinhar tas-sejba tad-droga de quo, il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova x'rabta kellu l-appellant mal-vettura li kien qiegħed isuq u li fiha nstabu l-qratas b'2.468 grammi droga kokaina fiha. Ma nġiebet ebda prova li turi li dik il-vettura kienet reġistrata fuq isem l-appellant jew li kienet vettura li huwa kien abitwalment juża hu personali jew li ma kienetx vettura

li solitament tiġi wkoll użata minn persuni oħra. Id-droga ma nstabitx fuq il-persuna tal-appellant iżda nstabet f'landa tal-ħadid li kienet fuq quddiem tal-vettura de quo u bejn is-seats tal-vettura li kienet qegħda tiġi misjuqa mill-appellant; iżda li flimkien mal-appellant kien hemm ukoll Mary Rose Micallef, li kienet f'relazzjoni miegħu.

52. Jidher li l-Prosekuzzjoni f'dan il-każ serrħet il-każ tagħha fuq din is-sejba ta' droga fil-vettura misjuqa mill-appellant **<u>magħquda</u>** mal-istqarrija li huwa rrilaxxa, mingħajr ma tresqu provi oħra li jmorru oltre minn dawk preżentati fl-atti – indipendentement mill-istqarrija rilaxxjata minnu - biex il-Prosekuzzjoni ssaħħaħ it-teżi tagħha li d-droga misjuba kienet fil-fatt tal-appellant. Din id-deċiżjoni jista' jkun li kienet sa ċertu punt bażata fuq il-posizzjoni ġurisprudenzjali li kienet qegħda tiżviluppa f'dawk ix-xhur u snin wara l-każijiet **Beuze** u **Farrugia** msemmija iżjed il-fuq. Fil-fatt is-sentenza appellata ingħatat f'Awissu 2020 meta l-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali kienu bdew ukoll jieħdu posizzjoni in linea mal-prinċipji **Beuze** u **Farrugia**. Fil-kuntest legali prevalenti dak iż-żmien fuq dan il-punt allura din il-Qorti ma tistax tgħid li l-Prosekuzzjoni u l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienu legalment żbaljati li jieħdu posizzjoni favur l-ammissibilita tal-istqarrija tal-appellant u li kienet allura l-unika prova konkreta li semmai setgħet torbot lill-appellant mad-droga li nstabet fil-vettura misjuqa minnu.

53. Iżda ġara però li wara li ingħatat is-sentenza appellata – u li kif intqal, kienet straħet fuq l-istqarrija tal-appellant - bħala l-iktar prova b'saħħitha li setgħet turi rabta sikura bejn id-droga u l-appellant – kien hemm dawk l-iżviluppi legali li ħarġu mis-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali u ta' din il-Qorti kolleġjalment komposta. Kif intwera, il-posizzjoni relattiva għall-użu ta' stqarrijiet mogħtija minn persuni suspettati meta ma kienux mgħejuna minn Avukat waqt li qed jingħataw: bħala miżura ta' prekawzjoni tali stqarrijiet kienu qegħdin jiġu mwarrba biex żgur jiġi evitat ksur tal-jeddijiet ta' smiegħ xieraq tas-suspettat kif jirriżulta mill-kawża **Morgan Onuorah vs. l-Avukat tal-Istat** deċiża nhar is-27 ta' Jannar 2021 il-quddiem.

54. Verament li fl-2020 il-posizzjoni legali dwar il-kwistjoni tal-istqarrijiet rilaxxjati mingħajr l-assistenza tal-avukat ma kienetx għadha kkonsolidat ruħha, iżda dak iż-żmien il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali kienu qed ikunu iżjed propensi li jadottaw il-posizzjoni **Beuze** u **Farrugia**. Jista' jkun ukoll li minħabba f'hekk il-Prosekuzzjoni ma preżentatx xi evidenza ulterjuri u indipendenti minn dik l-istqarrija u li turi rabta diretta u konkreta bejn l-appellant u

din il-kaxxa tal-metall u l-qratas li kien hemm fiha, bħal per eżempju, billi jsiru testijiet għal traċċi tas-swaba fuq l-istess kontenituri jew traċċi oħra ta DNA li setgħu jorbtu lill-appellant direttament ma' dik id-droga indipendentement mill-istqarrija li huwa rrilaxxja lill-pulizija. Minħabba f'hekk ukoll allura ladarba l-istqarrija rilaxxjata mill-appellant ma tistax tiġi użata, din il-Qorti ma tistax tasal tikkonkludi li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha prova soda li turi rabta sikura mhux biss bejn dik il-vettura u l-appellant, iżda iżjed minn hekk bejn dik id-droga misjuba f'dik il-vettura u l-appellant.

55. Barra minn hekk la Maryrose Micallef u l-anqas ħuha Devison Micallef ma ġew prodotti biex jixhdu f'dan il-każ. Lanqas ma tressqet prova ta' xi investigazzjoni magħmula li setgħet tiggarantixxi b'mod sikur li dik id-droga misjuba fil-vettura kienet sabet ruħha hemmhekk mill-mument illi l-Pulizija setgħu josservaw lill-appellant jieħu l-kontroll effettiv tal-vettura. Fi ftit kliem ma hemmx prova li turi b'mod ċert li hemm rabta bejn id-droga misjuba fil-vettura Pajero u l-użu u l-kontroll effettiv tal-appellant tal-vettura tal-għamla Pajero u tad-droga innifisha.

56. Apparti minn hekk, il-kwantita' ta' droga misjuba, għad li ġiet misjuba li kienet imqassma fi tmien boroż, kellha piż totali ta' 2.468 grammi, kwantita' ferm baxxa sabiex jista' jingħad li tali ċirkostanza waħidha tista' titqies indikattiva li tali sustanza ma kinitx intiża għall-użu personali. Huwa minnu illi kif stqarret il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) din il-kwantita' ta' droga misjuba kienet imqassma fi tmien boroż liema fatt jagħti indikazzjoni li donnha setgħet kienet lesta sabiex tiġi spaċċata. Ġie wkoll pruvat li wħud mill-boroż kellhom indikazzjoni b'tikka ħamra fuqhom. Iżda tali ċirkostanza mhix korraborata bi provi oħra li jistgħu wkoll univokament jagħtu indikazzjoni ċara u unika ta' intenzjoni ta' spaċċ. Il-Pulizija waslet għal xi forma ta' spjegazzjoni dwar dawn it-tikek ħomor biss minn dak li skont l-Ispettur Malcolm Bondin qalilhom Davison Micallef. Iżda kif ingħad iżjed il-fuq dan Davison Micallef qatt ma ttella' jixhed mill-Prosekuzzjoni f'dan il-każ.

57. Il-Pulizija sabet ukoll l-ammont ta' erba' mija u għaxar euro (€410). Iżda l-anqas ġiet stabbilita rabta soda bejn dawn il-flus, l-appellant jew l-oriġini ta' dawn il-flus bħala li kienu ġejjin mill-bejgħ ta' droga.

58. Prova oħra li ġiet preżentata lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet konsistenti fit-telefoni ċellulari. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

setgħet legalment u raġonevolment tikkunsidra din bħala prova korraborativa flimkien maċ-ċirkostanzi l-oħra. Jirriżulta li fis-seduta ta' nhar il-21 ta' Marzu 2019, l-Ispettur Malcolm Bondin esebixxa evidence bag bin-numru S 00828721 kontenenti tlett mobile phones tnejn tad-ditta Samsung u wieħed tad-ditta Nokia (Dok MB3). Issa fix-xhieda tiegħu l-Ispettur Malcolm Bondin isemmi kif mir-residenza fejn saret tfittxija wara li l-appellant twaqqaf ġewwa l-Marsa ġew elevati tlett mobile phones biex b'hekk jista' jingħad li dawn il-mobile phones esebiti huma l-istess li huwa jirreferi għalihom fix-xhieda tiegħu.  Pero skont dak li xehedu PS 518 Anthony De Giovanni, PS 1026 Brandon Gauci u PS 243 Clayton Frendo, minn fuq il-persuna tal-appellant, huma elevaw ukoll mobile phone ieħor meta waqqfuh bil-vettura tiegħu.  Dan fil-fatt jgħidu wkoll l-Ispettur Bondin f'paġna 14.  Iżda mix-xhieda ta' PS 243 Clayton Frendo f'paġna 66 dan jistqarr kif sa fejn jaf hu ma ġew qatt elevati mobile phones oħra minn imkien ieħor :għajr dak li ġie elevat minn fuq il-persuna tal-appellant dakinhar li twaqqaf minnhom ġewwa l-Marsa.

59. Mhux ċar x'ġara minnu dan il-mobile phone. L-appellant għandu raġun jilmenta li dan il-mobile phone li ġie elevat mill-Pulizija minn fuq il-persuna tiegħu ma ġie qatt esebit fl-atti ta' din il-kawża. Mhux ċar jekk kienx xi wieħed minn dawk li ġie mgħoddi lill-espert Keith Cutajar sabiex jiġi analizzat.

60. Apparti minn hekk, skont ix-xhieda tal-Ispettur Malcolm Bondin, dawn it-tlett mobile phones ma ġewx elevati minn dik il-kamra fejn l-appellant indikalhom illi huwa kien jokkupa ġewwa dik ir-residenza. Dan jikkonfermah ukoll PS 243 Clayton Frendo fejn f'paġna 65 tax-xhieda tiegħu huwa jgħid 'morna hemmhekk għamilnielu search fil-kamra li indikalna li kien qed jgħix imma ma rriżulta xejn'.

61. Ukoll mix-xhieda tal-Ispettur Malcolm Bondin jirriżulta li għal dak li jirrigwarda **<u>dawn it-tlett mobile phones</u>**, daqskemm tal-oġġetti l-oħra misjuba b'rabta mad-droga bħal crushers, dawn instabu f'kamra fejn fiha kien rieqed ħu t-tfajla tal-appellant Davison Micallef u li kien dan tal-aħħar li **<u>assuma r-responsabilita'</u>** ta' dawn l-affarijiet.  Iżda dan Davison Micallef, kif ingħad, qatt ma ġiet prodotta bħala xhud.

62. Dan kollu jirrendi din il-prova ta' dawn il-mobile phones prova mhix ċerta biżżejjed għall-fini ta' proċediment kriminali. Il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali **<u>ma jistgħux</u>** jibbażaw il-konklużjonijiet tagħhom

fuq ta' min **probabbilment** kienet dik id-droga, jew fuq minn fejn **probabbilment** setgħu kienu ġejjin dawk il-flus jew fuq ta' min **<u>probabbilment</u>** kienet il-vettura jew fuq ta' min **<u>probabbilment</u>** kienu l-mobile phones. Mingħajr l-istqarrija, dawn huma indizji li fihom infushom ma humiex meqjusa immedjatament fuq l-istess livell bħal prova. Filwaqt li fihom infushom il-provi juru li fatt jew ċirkostanzi jkunu verament jeżistu, mill-banda l-oħra l-indizji huma presunzjonijiet (presumptions) jew xi forma ta' raġunament bażat fuq xi prinċipji tax-xjenza jew fuq l-esperjenza tal-ħajja, u li minnhom wieħed ikun jista' jiddeduċi xi ċirkostanza li tista' tkun importanti għall-ġudikant tal-fatt meta jiġi biex jiddeċiedi jekk l-akkużat hux ħati jew le. L-indizju jista' jieħu l-forma ta' prova indiretta fejn l-eżistenza ta' fatt li jkun ċert jista' jwassal li jiġi stabbilit fatt li forsi ma jkunux daqshekk ċert. Meħudin flimkien indizji f'każ jista' jibdew jiffurmaw kwadru ta' prova; u iżjed ma jkun hemm indizji, iżjed tiżdied l-inċidenza li dawn isawru kwadru ta' prova. Iżda dan mhux xi proċess assolut jew awtomatiku. Biex indizju jew indizji jikkostitwixxu prova indiretta, dawn iridu jsegwu ċerti regoli speċifiċi. Xi drabi dawn il-provi indizjarji jew provi indiretti jistgħu jkunu importanti daqs il-provi diretti. Biss sabiex ġudikant tal-fatt jasal biex ikun jsita' jsib ħtija fuq provi indizjarji ċirkostanzjali biss dawn l-indizji jridu jissodisfaw il-karatteristiċi li ġejjin:

(a) Normalment, u għalhekk mhux dejjem, u dipendenti skont in-natura tal-indizju partikolari, irid ikun hemm iżjed minn indizju wieħed ossija l-hekk imsejħa "indizji plurimi" li jibdew jagħtu kwadru ta' prova;
(b) L-indizji jridu jkunu tali li jipperswadu b'mod konvinċenti u ma jkunux faċilment skreditabbli jew hekk imsejħa "indizji gravi";
(c) L-indizji jridu jkunu tali li ma jagħtux lok għal interpretazzjonijiet differenti u għalhekk iridu jkunu "indizji preċiżi" b'mod u manjiera li jkunu "indizji univoċi" u mhux ekwivoċi – biex b'hekk :
(d) Dawk l-indizji jridu jridu jkunu indizji li jaqblu ma xulxin b'mod li jikkonverġu fl-istess direzzjoni, ossija dawk li ngħidulhom "indizji konkordanti".

63. Meta l-indizji jkollhom dawn il-karatteristiċi, huma jakkwistaw l-istatus ta' provi ċirkostanzjali, u jkunu jistgħu jitqiesu provi tajbin biżżejjed biex fuqhom persuna tkun tista' tiġi misjuba ħatja li wetqet reat kriminali. Għalkemm l-indizji ma jistgħu qatt jitqiesu bħala prova diretta in kwantu jibqgħu dejjem il-frott tad-deduzzjoni u raġonament

loġiku li jitnissel mill-qari ta' dawk l-istess ċirkostanzi flimkien mill-banda l-oħra huwa possibbli li persuna tinstab ħatja biss fuq provi ċirkostanzjali meta dawn ikunu jissodisfaw dawn il-kriterji.

64. F'dan il-każ, dawn l-indizji meħuda flimkien – iżda miftuma mill-istqarrija tal-appellant – ma jistgħux jitqiesu li jippuntaw f'direzzjoni waħda li turi rabta konkreta bejn l-appellant u d-droga misjub fil-vettura li kienet qegħda tiġi misjuqa minnu fil-preżenza ta' Mary Rose Micallef dakinhar tas-sejba tal-istess. Il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali ma jistgħux jaslu għal konklużjonijiet billi joqgħodu fuq assunzjonijiet, iżda jistgħu jaslu għal konklużjonijiet bażati biss fuq provi sodi u liema konklużjonijiet ikunu jistgħu iwasluhom għal ċertezza fuq il-ħtija tal-akkużat fil-grad lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

65. Għaldaqstant, dan it-tieni aggravju jimmerita akkoljiment u għal din ir-raġuni ma jkunx hemm għalfejn li din il-Qorti tinoltra ruħa ulterjorment fil-lanjanzi l-oħra mressqa permezz ta' dan ir-rikors ta' appell.

# Deċide

**Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**